## Il-Missjoni u l-Għanijiet

### Il-Missjoni Tagħna

Il-Bank Ċentrali ta' Malta huwa istituzzjoni indipendenti li jfittex li jwettaq ir-responsabbiltajiet statutorji tiegħu fl-interess tal-pubbliku. Bħala membru tal-Eurosistema, l-għan ewlieni tal-Bank huwa li jżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet, biex b'hekk jikkontribwixxi għal żvilupp ekonomiku sostenibbli.

### L-Għanijiet Tagħna

Aħna nfittxu li nwettqu din il-missjoni billi:-

**Inħeġġu l-istabbiltà fil-prezzijiet fiż-żona tal-euro**

Il-Bank iħeġġeġ l-istabbiltà fil-prezzijiet fiż-żona tal-euro permezz tal-parteċipazzjoni tal-Gvernatur fil-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Għal dan il-għan il-Bank jagħmel analiżi u riċerka ekonomika. Il-Bank hu responsabbli wkoll mill-implimentazzjoni f'Malta tad-deċiżjonijiet tal-politika monetarja tal-Kunsill Governattiv.

**Nikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja**

Il-Bank jikkontribwixxi għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja bis-sorveljanza kontinwa ta' l-infrastruttura makro-ekonomika, tal-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji u permezz tal-ħarsien u tal-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet għall-istabbiltà finanzjarja ta' l-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji, kemm f'Malta kif ukoll fiż-żona tal-euro. Bħala parti mis-sistema tat-twissija minn kmieni, il-Bank janalizza l-informazzjoni biex jidentifika s-sorsi ta' riskji u jittestja kemm is-swieq finanzjarji jkunu kapaċi jirkupraw minn inkwiet li jista' jinqalalhom. Dan il-metodu huwa kkumplimentat bl-iżvilupp ta' qafas sod għall-immaniġġjar ta' kriżijiet u ta' proċeduri ta' kontinġenza. Fl-aħħar, biex iħares l-istabbiltà finanzjarja, il-Bank jagħti għajnuna finanzjarja permezz tal-funzjoni tiegħu ta' "*lender of last resort*".

**Inħeġġu, nirregolaw u nissorveljaw s-sistemi ta' ħlas u l-issetiljar ta' titoli**

Il-Bank iħeġġeġ, jissorvelja u jirregola t-tħaddim ta', u l-parteċipazzjoni fis-sistemi ta' pagamenti domestiċi, kif ukoll f'kull forma ta' flus jew transazzjonijiet ta' titoli, kemm jekk ikunu domestiċi jew transkonfini. Din il-funzjoni tapplika kemm għas-sistemi ta' pagamenti ta' valur żgħir kif ukoll għas-sistemi ta' pagamenti ta' valur kbir, inklużi l-istrumenti wżati, u tinvolvi t-tfassil tal-politika u s-sorveljanza tal-iżviluppi fis-sistemi ta' pagamenti u l-issetiljar ta' titoli. Fir-rwol tiegħu ta' regolatur, il-Bank iħeġġeġ ambjent ta' servizzi ta' pagamenti kompetittiv, mingħajr periklu u effiċjenti.

**Insostnu l-iżvilupp tas-swieq finanzjarji**

Il-Bank iħeġġeġ u jsostni aktar żvilupp fis-suq finanzjarju domestiku bil-għan li jiffaċilita l-integrazzjoni effettiva tiegħu mingħajr skossi fis-suq Pan-Ewropew.

**Nipprovdu u nħeġġu servizzi effiċjenti ta' flus**

Il-Bank joħroġ karti ta' flus u muniti tal-euro skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u skond l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-BĊE. Il-Bank huwa responsabbli li joħroġ karti tal-flus u muniti biex jaqdi d-domanda tal-pubbliku. Il-Bank jassigura wkoll l-awtentitiċità u l-kwalità tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni billi jneħħi l-flus foloz u l-karti tal-flus u muniti mħassrin.

**Naqilgħu l-akbar qligħ possibbli fuq l-assi finanzjarji permezz ta' prattika prudenti ta' investiment**

Il-Bank għandu u jħaddem portafoll ta' assi barranin u domestiċi. Huwa jara li jagħmel l-akbar qligħ possibbli fuq l-assi finanzjarji billi jsegwi prattika prudenti ta' investiment. Il-Bank huwa wkoll responsabbli biex iħaddem is-sehem tiegħu tal-porzjon komuni tar-riżervi barranin tal-BĊE.

**Niġbru, nikkumpilaw, inqassmu u nippubblikaw l-istatistika**

Il-Bank jikkompila statistika ekonomika u finanzjarja skond standards internazzjonali, Din l-istatistika tingħata lis-SEBĊ u lil kull min ikollu bżonnha kemm f'Malta u kemm barra minn Malta. L-istatistika tkun disponibbli permezz tal-pubblikazzjonijiet regolari tal-Bank, fil-*website* tiegħu, fil-pubblikazzjonijiet tal-BĊE u f'dawk ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

**Nagħtu pariri lill-Gvern fuq kwistjonijiet finanzjarji u ekonomiċi**

Il-Bank jagħmilha ta' konsulent għall-Gvern fuq kwistjonijiet finanzjarji u ekonomiċi. Permezz ta' pariri indipendenti, il-Bank jikkontribwixxi għal tfassil ta' politika soda. Il-Bank jista' jagħmel dan minħabba l-kompetenza, ir-reputazzjoni u l-istatus indipendenti tiegħu. Il-Bank jagħmilha wkoll ta' bankier u aġent tal-Gvern.

**Biex jitwettqu l-għanijiet ta' hawn fuq, il-Bank jintrabat li:**

(a) jipparteċipa attivament fl-Eurosistema, fis-SEBĊ u f'korpi oħra ta' l-Unjoni Ewropea, inklużi l-istrutturi tagħhom, u f'laqgħat ta' organizzazzjonijiet internazzjonali; u

(b) iħaddem funzjonijiet ta' sostenn u kontroll, li jinkludu:-

- Il-motivazzjoni u l-iżvilupp tal-impjegati tiegħu. Għal dan il-għan, il-Bank jadotta strateġiji xierqa ta' reklutaġġ u rikonoxximent, u jipprovdi opportunitajiet ta' taħriġ u żvilupp għall-impjegati tiegħu.
- Il-ksib tar-riżorsi meħtieġa u jżomm l-infrastruttura fiżika tal-organizzazzjoni b'mod effettiv biex jiżgura ambjent ta' xogħol pjaċevoli u bla periklu.
- Iżomm sistema soda ta' kontroll finanzjarju li kapaċi tagħti tagħrif statutorju u amministrattiv preċiż u fil-ħin, u li tkun imfassla biex tiżgura li l-ħtiġijiet tal-Bank jitwettqu fil-limiti tal-baġits stabbiliti.
- Itejjeb il-fluss ta' tagħrif kemm ġewwa kif ukoll barra l-Bank. Dan jista' jsir permezz ta' l-iżvilupp sostnut ta' sistemi ta' informazzjoni u

amministrazzjoni ta' dokumenti, u l-infrastruttura xierqa tat-teknoloġija ta' l-informatika.

- Iżomm qafas ta' mmaniġġjar tar-riskji li jipprovdi metodoloġija komuni biex ir-riskji jkunu jistgħu jiġu identifikati, ivvalutati, irrapportati, imħarsa u ttrattati. Dan ikun ikkomplimentat bi programm sod tal-amministrazzjoni tal-kontinwità tan-negozju.
- Iħaddem funzjoni indipendenti u oġġettiva ta' assigurazzjoni u konsultazzjoni mfassla b'mod biex iżżid fil-valur u ssaħħaħ l-operazzjonijiet tal-Bank.

**Il-Bank jara wkoll li jkun trasparenti u kontabbli lejn il-pubbliku. Dan jintlaħaq permezz tal-pubblikazzjonijiet tar-rendikonti finanzjarji tiegħu, billi jikkomunika u javża b'mod effettiv permezz tal-*website* tiegħu, pubblikazzjonijiet oħrajn u billi jirrapporta regolarment lill-Parlament fuq il-politika u l-operazzjonijiet tiegħu.**

**Bħala membru ta' l-Eurosistema, il-Bank iħaddan l-Missjoni, l-Iskopijiet Strateġiċi u l-Prinċipji ta' l-Organizzazzjoni tal-Eurosistema.**